



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7264/23

COASI 59
ASIE 26
CFSP/PESC 417
COHAFA 31
DEVGEN 60
SUSTDEV 44
COPS 125
POLMIL 50
MIGR 90

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 20 ta' Marzu 2023

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 7191/23, 7234/23

Suġġett: Afganistan

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Marzu 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan, kif approvati mill-Kunsill fit-3941 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Marzu 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan

1. L-Unjoni Ewropea tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha, msejjes fuq il-prinċipji, għall-paċi u l-istabbiltà fl-Afganistan, u għall-appoġġ lill-poplu tal-Afganistan. Huwa fl-interess tal-komunità internazzjonali kollha kemm hi li l-Afganistan ikun pajjiż stabbli, biex jiġu evitati l-instabbiltà reġjonali, it-theddid tat-terroriżmu, l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari.
2. L-UE tafferma mill-ġdid l-importanza u l-validità tal-punti ta' riferiment deskritti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 għall-politiki u l-azzjonijiet tal-kabinet temporanju maħtur mit-Taliban. L-UE għal darb'oħra tappella lit-Taliban, fl-interess tal-poplu Afgan, jirrispetta, jħares u josserva d-drittijiet tal-bniedem kollha, jindirizza l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, jistabbilixxi gvern inklużiv u rappreżentattiv, jevita li l-Afganistan iservi ta' bażi fejn jiġi ospitat, iffinanzjat jew esportat it-terroriżmu, jipprovdi aċċess umanitarju mingħajr xkiel u mingħajr diskriminazzjoni, u jkompli jippermetti vjaġġar sikur, sigur u ordnat lejn u mill-Afganistan.
3. L-UE tikkundanna l-fatt li, sa mit-tneħħija tal-gvern ibbażat fuq il-kostituzzjoni f'Awwissu 2021, għall-kuntrarju tal-impenji li ttieħdu mit-Taliban, l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu wasslu għad-deterjorament drammatiku tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sitwazzjoni politika, ekonomika u umanitarja għall-poplu Afgan, speċjalment għan-nisa u l-bniet. Dan jinkludi l-ksur kontinwu u sistemiku tad-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali tal-poplu Afgan, kif rikonoxxut mit-trattati internazzjonali li l-Afganistan huwa Stat Parti fihom. It-Taliban waħdu huwa responsabbli għall-konsegwenzi tal-azzjonijiet, l-ordnijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu, kif ukoll għan-nuqqas ta' leġittimità domestika u internazzjonali tiegħu.

4. L-UE tinsab allarmata b'rapporti ta' ksur sistemiku tad-drittijiet tal-bniedem u tikkundannah bil-qawwa, b'mod partikolari dak relatat ma' nisa, bniet u subien, persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi u reliġjużi, persuni LGBTI, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u ħaddiema oħra tal-media, eks membri tal-forzi tas-sigurtà u eks politiċi, minkejja l-hekk imsejja amnestija li tħabbret mit-Taliban. Trid tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u għall-ksur tad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE tfakkar li l-Afganistan huwa parti fl-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma lesti jqisu li jattivaw mekkaniżmi ta' responsabbiltà kif previst fit-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Afganistan huwa stat parti fihom.
5. Id-diskriminazzjoni fuq skala kbira u sistematika bbażata fuq il-ġeneru li għet istituzzjonalizzata mit-Taliban hija ta' tħassib serju u m'hawnx bħalha fil-bqija tad-dinja. L-UE tikkundanna bil-qawwa d-deċiżjonijiet li ttieħdu mit-Taliban li wasslu għal deterjorament ġenerali tas-sitwazzjoni għan-nisa u l-bniet billi eskcludewhom mill-ħajja pubblika, kif ukoll billi ċaħdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom, inkluż id-drittijiet għall-edukazzjoni, ix-xogħol u l-libertà ta' moviment. Bid-deċiżjoni diskriminatorja tiegħu li jipprojbixxi lin-nisa milli jaħdmu għal organizzazzjonijiet mhux governattivi nazzjonali u internazzjonali, it-Taliban mhux qed jagħmilha possibbli li l-poplu Afgan jingħata għajjnuna umanitarja u appoġġ b'rabta mal-ħtiġijiet bażiċi, u minn Awwissu 2021 huwa responsabbli għall-fatt li kompli jaggrava s-sitwazzjoni umanitarja u ekonomika mwiegħra fil-pajjiż.
6. F'dan il-kuntest, filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà tas-17 ta' Diċembru 2018 u tal-14 ta' Novembru 2022, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għal azzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inkluż billi tiżgura r-responsabbiltà għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u t-tfal u billi tikkontribwixxi għal din il-ġlieda.

7. L-UE ttenni l-impenn sod tagħha li tappoġġa l-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini Afgani kollha, inkluż in-nisa u l-bniet u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi u reliġjużi fl-aspetti kollha tal-ħajja fl-Afganistan. L-UE tappella lit-Taliban ireġġa' lura b'urġenza d-deċiżjonijiet repressivi tiegħu, inkluż dawk li jillimitaw l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa u l-bniet fil-ħajja pubblika. Ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess tan-nisa u l-bniet għall-edukazzjoni ser ikollhom aktar impatt devastanti fuq l-ekonomija u l-iżvilupp tal-Afganistan.
8. L-UE tinsab lesta tadotta aktar miżuri restrittivi mmirati lejn dawk responsabbli għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-miżuri restrittivi huma mfassla b'mod li ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-poplu Afgan u jistgħu jitregġġu lura.
9. F'konformità mar-risoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u mar-risoluzzjoni 2250 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet rilevanti sussegwenti tan-NU, l-UE tfakkar ir-rwol kruċjali tan-nisa u ż-żgħażaġh fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti, in-negozjati għall-paċi, il-konsolidazzjoni tal-paċi, iż-żamma tal-paċi, ir-rispons umanitarju u fir-rikostruzzjoni wara konflitt, u tenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni ugwali u l-involviment sħiħ tagħhom fl-isforzi kollha biex jinżammu u jiġu promossi l-paċi u s-sigurtà.
10. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jampifikaw leħen in-nisa Afgani, inkluż permezz tal-pjattaforma "Hear Us" u l-Forum tal-Mexxejja Nisa Afgani appoġġat mill-UE, li jagħtu opportunità lill-komunità internazzjonali tisma' l-perspettivi tagħhom u biex dawn jittieħdu inkunsiderazzjoni fit-tfassil tal-politika internazzjonali b'rabta mal-Afganistan.

11. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-projbizzjoni li tpoġġiet li timpedixxi lin-nisa milli jaħdmu għal organizzazzjonijiet mhux governattivi nazzjonali u internazzjonali u tappella lit-Taliban ireġġa' lura d-deċiżjoni tiegħu immedjatament. L-UE, bħala waħda mill-entitajiet li l-aktar jagħtu għajjnuna lill-poplu tal-Afganistan, tibqa' impenjata li tkompli tagħti l-għajjnuna tagħha biex tittaffa l-kriżi umanitarja u soċjoekonomika severa. L-UE tinsab lesta li tforni ħtiġijiet umanitarji u bażiċi, kif ukoll appoġġ għall-għajxien, fi ħdan approċċ imsejjes fuq il-prinċipji f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, b'aderenza mal-prinċipji umanitarji u b'mod partikolari, f'dan l-istadju, abbażi tal-prinċipji gwida u l-aspettattivi tad-donaturi ("Guiding principles and donors' expectations") dwar l-għajjnuna umanitarja.
12. L-approċċ tal-UE msejjes fuq il-prinċipji jimplika, b'mod partikolari, li l-għajjnuna tista' tkompli fejn in-nisa jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fit-twassil tagħha u fejn in-nisa jibqgħu benefiċjarji f'approċċ li fih ma ssir l-ebda ħsara u li ma jkunx diskriminatorju, fi spirtu magħmul "min-nisa għan-nisa", li jipproteġi wkoll is-sikurezza tal-benefiċjarji. Il-persunal femminili affettwat mill-projbizzjoni m'għandux jiġi sostitwit. F'każijiet fejn l-attivitajiet ma jkunux jistgħu jitkomplew f'konformità mal-approċċ tal-UE msejjes fuq il-prinċipji, l-UE ser terġa' tikkunsidra l-appoġġ tagħha għal dawk l-attivitajiet. F'dak ir-rigward, ser jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ robust. L-UE tappella lit-Taliban biex jirrispetta d-dritt umanitarju internazzjonali, in-newtralità, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-operazzjonijiet umanitarji u dawk marbuta mal-ħtiġijiet bażiċi, u jiggarrantixxi li l-ħaddiema umanitarji kollha, inkluż il-persunal femminili kollu, ikunu jistgħu jkomplu jipparteċipaw fl-għoti ta' għajjnuna u jgawdu aċċess liberu u mingħajr xkiel għat-territorju kollu.
13. L-UE ser tkompli l-appoġġ sod tagħha lill-media indipendenti Afgana, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa, kif ukoll id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, minkejja l-ispazju magħluq u riskjuż li joperaw fih.
14. L-UE tikkoordina mill-qrib mas-sħab reġjonali u internazzjonali kollha u tenfasizza r-rwol ewlieni tan-NU fl-Afganistan. L-UE ser tkompli tappoġġa bis-sħiħ il-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) skont il-mandat komprensiv tagħha b'komponent qawwi tad-drittijiet tal-bniedem, kif stabbilit fir-Risoluzzjoni 2678 (2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll il-ħidma tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan.

15. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-preżenza tal-UE f'Kabul, li ssaħħa l-għoti ta' għajnuna, timmonitorja s-sitwazzjoni tas-sigurtà, politika, ekonomika u umanitarja, tiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali u l-kuntatti mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u mal-poplu tal-Afganistan, u żżomm l-involvement operazzjonali meħtieġ mal-awtoritajiet *de facto*, mingħajr ma tagħtihom xi leġittimità. Permezz tal-preżenza tagħha fil-pajjiż, l-UE ser tkompli tipprijoritizza l-appoġġ dirett tagħha lill-poplu Afgan u l-interazzjoni miegħu, inkluż il-faċilitazzjoni ta' passaġġ liberu u sikur għall-Afgani li jistgħu jintlaqgħu mill-Istati Membri tal-UE.
16. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Afganistan biex jikkomunika l-pożizzjoni tal-UE fi djalogi mas-sħab reġjonali u internazzjonali, u ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, kemm fl-Afganistan kif ukoll barra mill-pajjiż, u fil-kuntatti mal-awtoritajiet *de facto* f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtennu l-importanza li jitkomplew id-djalogu u l-kooperazzjoni mas-sħab reġjonali u internazzjonali kollha biex jiġi promoss Afganistan stabbli, sigur u prosperu. Id-djalogu regolari bejn l-UE u s-sħab tal-Asja Ċentrali dwar l-Afganistan, kif ukoll l-involvement mal-pajjiżi ġirien tal-Afganistan, li huma pajjiżi b'maġġoranza Musulmana, mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika u mal-pajjiżi tal-Golf – f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar sħubija strateġika mal-Golf tat-18 ta' Mejju 2022 – jibqgħu prijorità. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjonijiet qawwija li nħarġu mill-komunità internazzjonali, speċjalment l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika, dwar l-edukazzjoni tan-nisa u l-bniet.
17. L-UE tesprimi tħassib serju dwar il-preżenza u l-operazzjonijiet ta' gruppi terroristiċi fl-Afganistan, inkluż il-Provinċja ta' Khorasan tal-Istat Iżlamiku (ISKP) u Al-Qaida. L-UE tikkundanna l-attakki terroristiċi kontinwi mmirati lejn il-poplu Afgan, speċjalment lejn persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi u reliġjużi u l-komunità internazzjonali fl-Afganistan, kif ukoll dawk immirati lejn pajjiżi ġirien. L-Afganistan m'għandux jerġa' jservi bħala bażi fejn jiġu ospitati, ippjanati, imħarrġa, iffinanzjati jew esportati t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti lejn pajjiżi oħra, u lanqas ma għandu jhedded jew jattakka pajjiżi oħra. F'dan ir-rigward, l-UE tfakkar fit-talba inekwivoka li t-Taliban itemm ir-rabtiet diretti u indiretti kollha mat-terroriżmu u ttenni r-responsabbiltà li għandu t-Taliban biex jiġġieled kontra t-terroriżmu. L-UE tibqa' impenjata favur l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Afganistan u tar-Riżoluzzjoni 2593 (2021) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

18. L-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti jkomplu jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-pajjiżi ġirien u s-sħab tal-Afganistan fir-reġjun kollu biex jiġu evitati effetti kollaterali negattivi, inkluż l-esportazzjoni tat-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni reliġjuża. L-UE ser issaħħaħ il-konsultazzjonijiet regolari mas-sħab ikkonċernati u l-pajjiżi ġirien dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, bl-użu ta' fora/formats bilaterali, reġjonali jew multilaterali, u ser tkompli tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom biex jipprevjenu t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u jiġġilduhom f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.
19. L-UE tinsab imħassba dwar il-produzzjoni u t-traffikar tad-droga kif ukoll dwar iż-żieda rrapportata fil-kultivazzjoni tax-xaħxieħa, li għandha konsegwenzi potenzjalment serji għas-saħħa u s-sigurtà fl-Afganistan, fil-pajjiżi ġirien u dawk ta' tranżitu, kif ukoll fl-Ewropa.
20. Barra minn hekk, l-UE tinsab imħassba dwar ir-riskju ta' proliferazzjoni ta' armi ħfief, ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom fl-Afganistan u barra mill-pajjiż, u għalhekk tilqa' b'sodisfazzjon il-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) li ngħatat mandat biex tappoġġa l-isforzi reġjonali u internazzjonali għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni destabbilizzanti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir, kif ukoll id-devjazzjoni tagħhom fl-Afganistan u fir-reġjun, u tħeġġeġ biex jingħata aktar appoġġ għall-attivitajiet f'dan ir-rigward.
21. L-UE tagħraf ir-riskju li deterjorament ulterjuri fil-kondizzjonijiet umanitarji u ta' sigurtà jista' jġiegħel lil aktar nies jitilqu mill-Afganistan, li jista' jwassal għal żieda fl-ispostamenti furzati, u b'hekk jaffettwa b'mod negattiv l-isforzi kontra t-traffikar ta' bnedmin, u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari. Il-monitoraġġ tal-flussi migratorji u tar-riskju ta' żieda fit-traffikar ta' bnedmin; tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti; u tal-migrazzjoni irregolari u l-istrukturalizzazzjoni possibbli tagħha, inkluż għal theddid ibridu, għandu jkompli permezz tan-networks eżistenti u jissaħħaħ aktar. Fi ħdan approċċ ta' Tim Ewropa, l-UE ser tkompli taħdem ma' pajjiżi terzi u ssaħħaħ l-appoġġ li tagħtihom, b'mod partikolari l-pajjiżi ġirien u ta' tranżitu li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati Afgani, biex tittejjeb il-kapaċità tagħhom biex jipprovdu ħarsien, kondizzjonijiet ta' akkoljenza dinjitużi u sikuri, kif ukoll għajxien sostenibbli għar-refuġjati u għall-komunitajiet ospitanti.

22. Il-ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' Afgani oħra li jinsabu friskju jibqa' prijorità għall-UE. Fuq bażi volontarja, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jipprovdu rotot sikuri lil dawg li jinsabu friskju, prinċipalment permezz ta' risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji.
23. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-UE u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-pożizzjoni tal-UE tiġi kkomunikata lill-atturi kollha fl-Afganistan, kif ukoll lis-sħab reġjonali u internazzjonali tagħna.
-